# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' t-28 ta' Settembru 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Brian Pace**

**Amanda Camilleri**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, **Brian Pace** ta' tmienja u tletin (38) sena, bin Saviour u Miriam neè Agius, imwieled Pietà nhar is-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978), detentur tal-karta tal-identità numru 377378(M), u joqghod Flat 1, Bieb 3, Triq l-Iskoccizi, Bormla, u, **Amanda Camilleri**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bint Victor u Concetta neè Caruana, imwielda Pietà fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), u toqghod Blokk 14, Flat 15, Trejqet il-Ward, Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identità numru 302185(M),:

Talli fl-ghoxrin (20) ta' mejju 2017 ghal habta tad-disgha ta' fil-ghaxija u/jew hinijiet wara waqt li kienu fil-parkecc tac-cimiterju tal-Addolorata fi Vjal Santa Lucija Rahal Gdid u / jew f'dawn il-Gzejjer ikkommettew serq

ta' madwar erba' mija u hamsin Euro (€450) u / jew oggetti ohra minghand Mario Camilleri mill-Belt liema serq hu aggravate bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro ((2,329.37).

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebbew ghal Mario Camilleri mill-Belt Valletta sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx taht xi dispozizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamlu lil Mario Camilleri mill-Belt ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kienu pprovokati hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U talli fl-istess cirkostanzi ghad li kellhom il-jedd li jwiddbu lil haddiehor, hargu barra mil-qies.

B'hekk irrendeew ruhhom recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Brian Pace** wahdu gie akkuzat talli fl-istess cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat qabad arma [turnavit] u / jew oggetti ohra kontra Mario Camilleri mill-Belt.

Ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Artikoli 7 tal-Kap 446 moghtija lilu mill-Qroti tal-Magistrati ppresjeduta mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D.

**Amanda Camilleri** wahidha giet akkuzata talli fl-istess cirkostanzi f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjiet jew ghamlet biex thajjar ghal-skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-4 ta' Settembru 2017 moghti skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta)[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-Imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja[2].

Semghet ix-xhieda.

---

[1] A fol. 49
[2] A fol. 109

Rat li waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2021, l-istess Imputati jammettu l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u wara li din l-Onorabbli qorti fissritilhom xi tfisser tali ammissjoni u wara li kkonsultaw mal-konsulent legali taghhom kif ukoll wara li nghataw zmien biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom, ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Rat l-atti u d-dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-Professur A.J. Mamo li fin-notamenti tieghu kien kiteb hekk:

"*Where the defendant is charged before a Court of Magistrates of Judicial Police with an offence punishable on summary proceedings and appears before the Court and he admits the Charge, the Court may proceed to convict him without any evidence being called*."[3]

L-Imputati, debitament assistiti, wiegbu hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom wara li kellhom ripensament dwar it-twegiba ta' mhux hatja li kienu taw meta l-istess akkuzi kienu gew moqrija bil-gurament waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017[4]. Il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tathom iz-zmien biex jergghu lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huma zammew mal-ammissjoni li kienu ghamel waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2021. Ghalhekk, dawn l-imputazzjonijiet gew soddisfacentement ippruvati, u, in vista ta' din l-ammissjoni, din l-Onorabbli Qorti ma tistax ma ssibx lill-Imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Ghall-finijiet dwar il-piena, l-Qorti kkunsidrat li l-Imputati ma ammettewx il-hitja taghhom fi stadju bikri u ghandhom it-tnejn fedina penali preokkupanti u li din ma kienetx l-ewwel darba li kkommettew reati.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 261 (d), (c), (e), 267, u 268 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzati hatjin tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u

[3] "Noted on Criminal Procedure" (Laws Year V) pagna 99
[4] A fol. 109

tikkundannhom ghal sentejn (2) prigunerija kull wiehed u wahda minnhom li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdin jigu sospizi ghal tliet (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem ta' xoghol.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**